MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 19/2003

**Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Co. Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta Lay Lay Co. Ltd. datat 3 ta' Settembru 2003 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' avviz biex tieqaf u ta' twettiq datat 29 ta' Ottubru 1998 fir-rigward ta' sit fi Triq Guzeppi Vella kantuniera ma' Triq Joseph Gravina, Ghaxaq u li jghid:

Illi *"Garages mibnija mhux skond il-pjanta approvata fil-permess PB2124/87/880/84 datata 04/05/87"*, l-Awtorita' esigiet illi dak kollu li mhux koprit b'permess jigi lura ghall-istat originali tieghu;

Illi permezz ta’ appell ipprezentat fit-30 ta’ Novembru 1998 mill-Avukat Dottor Noella Grima LL.D. f’isem l-appellant noe appella mill-Avviz kif gej:

*“I write on behalf of my client Mr. Michael Axisa, c/o Lay Lay Co. Ltd. Zabbar Road, Fgura;*

*I am instructed by my client to appeal from the above mentioned enforcement notice in virtue of **Section 51 (6) of the Development Planning Act 1992** on the following grounds:-*

1. *The development at the above site is in fact covered by a valid permit number PB 880/04 dated 4 May 1987. The garages are for the use of private cars in accordance with the description and plans submitted with application number 880/04;*

2. *There is presently pending before the Planning Authority an application Number 564/98 to sanction two garages which were built besides the four garages, which are covered by the above permit. The above two garages are therefore also potentially covered by a permit;*

3. *My client has submitted written submissions to the Development Control Commission dated 16 November 1998 following the Development Permit Application Report of which he is in receipt. Reference is made to said submissions copy of which is being attached and marked Doc. “A”;*

*In view of the above I humbly submit that my client’s appeal should be acceded to and that the above enforcement is withdrawn”.*

Ara r-risposta tal-Awtorita’ pprezenta fil-11 ta’ Dicembru 1998 u li tghid:

“Illi minkejja r-ragunijiet moghtija fl-appell, jirrizulta li fid-data tal-hrug tal-avviz tat-twettiq, fis-sit in kwistjoni kien hemm zvilupp li jikkonsisti f’garaxxijiet li gew mibnija mhux

skond il-pjanta approvata fil-permess PB 2124/87/880/84 li hareg fil-4 ta' Mejju 1987 u dan kif sejjer jigi pprovat matul it-trattazzjoni tal-kaz;

Illi waqt li mhux kontestat li nhareg il-permess PB 880/84, l-appellant umilment jissottometti li sar zvilupp li mhux skond dak il-permess u ghalhekk kellu jinhareg l-avviz tat-twettiq in kwistjoni. Di fatti tant kien hemm zvilupp li mhux skond il-pjanti approvati li l-istess appellant ghamel applikazzjoni (li fil-fatt irrefera ghaliha hu stess fl-appell tieghu) biex jissanzjona l-izvilupp kolpit mill-avviz odjern;

Illi dwar dak li ntqal fit-tieni paragrafu ta' appell u cjoe' li l-izvilupp kolpit mill-avviz hu *"potentially covered by a permit"* – l-appellat bir-rispett jossottometti li wiehed ma jistax minn qabel jassumi li ghandu permess. Jew ghandu permess validu jew le. F' dan il-kaz hu car li m' ghandux permess validu li jkopri l-izvilupp in kwistjoni;

Illi ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirriserva li jipproduci x-xhieda u d-dokumenti kollha relattivi ghal kaz odjern, bir-rispett jitlob li dan il-Bord jogghobu ghar-ragunijiet premessi jichad u jikkonferma l-istess avviz bl-ispejjez kontra l-appellant, u dan minghajr prejudizzju ghal kull eccezzjoni dwar in-nullita' o meno tal-istess appell u partikolarment it-terminu f' meta sar u l-hlas relattiv".

Illi permezz ta' sentenza tal-20 ta' Awissu 2003 il-Bord cahad dan l-appell u kkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF 1267/98, izda peress li kien hemm applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp pendenti ntiza biex tissana l-izvilupp imsemmi f' dan l-avviz il-Bord tal-Appell ordna illi l-avviz ghandu jigi fis-sehh fi zmien sittax-il (16) gurnata minn meta l-applikazzjoni PA 5646/98 tigi finalment rifjutata, dejjem jekk ikun il-kaz;

Illi fil-fatt applikazzjoni PA 5646/98 giet rifjuata wara li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar permezz ta' sentenza datata 20 ta' Awissu 2003 cahad l-appell minn rifjut tal-permess ghall-izvilupp fil-konfront tal-appellant noe datat 29 ta' Marzu 1999;

Illi l-kumpanija esponenti hasset ruhha aggravata b’din is-sentenza u minnha qed tinterponi appell quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-aggravji huma cari u manifest u jikkonsistu fis-segwenti:

a. Illi s-sentenza appellata tal-20 ta’ Awissu 2003 fil-konfront ta’ avviz numru ECF 1267/98 kienet soggetta ghall-ezitu ta’ l-applikazzjoni PA 5646/98 liema applikazzjoni giet rifjutata u mill-liema rifjut l-appellant qieghed jinterponi appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. L-esponent jissottometti bir-rispett illi s-sentenza fil-konfront tal-applikazzjoni PA 5646/98 hija decizjoni zbaljata *stante* illi l-Bord tal-Appell naqqas milli jirrikonoxxi permess validu u mahrug skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti – permess numru 880/04 kopja hawn annessa Dok. “A”. Illi kif jirrizulta mill-*alignment file* numru A 880/84/AL l-esponent qatt ma rceva rifjut tal-permess u lanqas qatt ma gie rtirat l-permess fuq imsemmi. Anzi fid-29 ta’ Mejju 1998 l-esponent ntalab jhallas il-bilanc tal-*Contribution fee* liema bilanc fil-fatt gie mhallas mill-esponent. Illi dan jikkostitwixxi interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-fatt relevanti f’ dan il-kaz;

Illi l-Awtorita’ stess harget avviz biex tieqaf u ta’ twettiq numru 1353/97 fl-20 ta’ Awissu 1998 liema Avviz fil-fatt gie iritat wara li l-esponent appella minn tali avviz u ssottometta kopja tal-permess numru 880/84. Illi fil-fatt li jezisti permess validu huwa rikonoxxut anki mill-Awtorita’ tal-Ippjanar stess fit-tieni avviz tat-twettieq numru ECF/98 ta’ 29 ta’ Ottubru 1998 li nhareg fuq is-sit in kistjoni li jallega ksur tal-Kontroll tal-Ippjanar konsistenti f’ garages mibnija mhux skond il-pjanta approvata fil-permess PB 2124/87/880/84 datata 4 ta’ Mejju 1987;

b. Illi l-esponent jissottometti fil-kaz odjern il-kwistjoni kollha m’ hijiex jekk jezistiex permess jew le izda l-izvilupp huwiex skond il-permess jew le. Illi l-istess avviz biex tieqaf u ta’ twettiq mahrug fid-29 ta’ Ottubru 1998 jesigi illi l-esponet irregga lura kull haga li ghandu *“mhux skond il-*

*pjanta approvata fil-permess PB 124/87/880/84 data 4 ta' Mejju 1987….."* Jekk il-Bord, ghall-grazzja tal-argument irrizultatlu li l-bini in kwistjoni m' huwiex skond il-pjanti sottomessi u approvati skond il-permess fuq citat allura l-Bord kellu jordna lill-esponent irregga lura kull haga li ghandu *"mhux skond il-pjanta approvata fil-permess PB 124/87/880/84 data 4 ta' Mejju 1987…."*

Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi u ghal dawk li jigu sottomessi waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha ga prodotti u tirriserva li ggib l-provi l-ohra kollha ammissibbli skond il-ligi u li taghmel sottomissjonijiet u osservazzjonijiet ulterjuri, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjannar tal-20 ta' Awissu 2003 u tilqa' l-Appell tal-esponent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, datata 25 ta' Settembru 2003, a fol. 7 li permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet Michael Axisa ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lay Lay Co. Ltd. kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 10, 11, 12, u 13 tal-process fejn sostna li:-

1. Illi prelimarjament jigi sottomess illi dan l-appell m' huwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**Artikolu 15 (2) ta' l-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)";*

Illi dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m' hijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta, fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-**

**Ippjanar”** (Deciza fit-28 ta’ Frar 1997 mill-Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:

*“Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe’ l-**Artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp**) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt. U biex appell fuq punt ta’ dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta’ drtii irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta’ ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta’ xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta’ dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta”;*

Illi dan l-appell jittratta fuq avviz ta’ enfurzar numru ECF 1267/98 u jirrelata wkoll ma’ applikazzjoni sanatorja fuq l-istess zvilupp liema appell gie michud mill-Bord tal-Appell fl-istess data li gie deciz l-appell odjern. Illi ghaldaqstant l-Awtorita’ esponenti qieghda tissottometti l-istess argumenti li poggiet quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-Appell numru 20/03 RCP fl-istess ismijiet;

Illi l-kwistjoni kollha tal-appell 20/03 hija ppermjata fuq il-fatt illi kien hemm permess mahrug b’mod validu ghall-bini ta’ zewg maisonettes u erba’ garaxxijiet li dan ma giex utilizzat interament ghaliex il-garaxxijiet biss gew mibnija. Sussegwentement, dahlet applikazzjoni ohra mill-appellant sabiex izid in-numru ta’ garaxxijiet pero’ din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Awtorita’ esponenti ghaliex is-sit jinsab f’ zona barra mill-izvilupp;

Illi huwa fatt illi meta saret l-ewwel applikazzjoni s-sit kien ukoll jinsab barra miz-zona tal-izvilupp. Pero’ mill-ewwel ghat-tieni applikazzjoni nbidlu l-policies u ghalhekk l-ahhar applikazzjoni ma setghetx tigi approvata;

Illi mhux veru kif inghad fir-rikors tal-appell bin-numru 20/03, illi l-Bord ma rrikonoxxiex l-ewwel permess li nghata lill-appellant. Fil-fatt il-Bord qal hekk f' pagna 9 tad-decizjoni:

*"… fil-4 ta' Mejju 1987, kien inhareg permess fuq is-sit li jgib in-numru FF PB880/84 ghall-kostruzzjoni ta' maisonette u erba' garaxxijiet sottostanti";*

Illi f' Gunju 1988, wara spezzjoni li saret fuq is-sit gie kkonfermat illi kien qed isir xi xoghol mhux bil-permess u ghalhekk gie nfurmat il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu azzjoni kriminali. Din l-azzjoni giet sussegwentement irtirata sabiex ikunu jistghu jittiehdu proceduri ta' enfurzar u ghalhekk tohrog avviz ghall-waqfien u ta' twettieq ghax hekk kienet il-prassi dak iz-zmien;

Illi l-fatt illi l-appellant qed jghid illi bena dawk iz-zewg garaxxijiet zejda minghajr permess ghaliex skopra li s-sit kien ikbar milli haseb mhix skuza valida biex jippretendi li l-Awtorita' ttih il-permess awtomatikament. Huwa fatt illi fil-frattemp kienu inhargu t-*Temporary Provision Schemes* tal-1988 li kienu jipprojbixxu zvilupp barra minn din iz-zona u ghalhekk ma setax jippretendi l-appellant li kellu xi dritt kwezit biex jibnihom;

Il-Bord korrettement applika l-policies vigenti fil-mument li ta d-decizjoni u dawn il-policies jipprojbixxu dan l-izvilupp. Illi ghaldaqstant, il-Bord ma kellux triq ohra hlief li jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita' u jichad l-appell. Il-Bord dahal ukoll fil-kwistjoni ta' *'commitment'* u ra jekk l-izvilupp mertu tal-appell odjern jistax jaqa' taht din il-kappa izda rrizulta fin-negattiv;

Illi ghaldaqstant il-Bord dahal f' kull aspett tal-appell quddiemu u ghalhekk l-appell odjern m' huwa xejn hlief tentattiv iehor sabiex l-appellant jipprova jfixkel il-kors tal-avviz li s-sit tieghu huwa milqut bih, u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi dikjarat null a bazi li ma huwiex bbazat fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord tal-Appell fuq decizjoni tieghu tal-20 ta' Awissu 2003;

2. Illi l-Bord tal-Appell, fil-proceduri odjerni korrettament applika l-**Artikolu 52 (11) tal-Att tal-1992** u ma kellux triq ohra hlief li jikkonferma l-Avviz biex tieqaf u ta’ twettieq Nru. ECF 1267/98;

Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-appell interpost mill-appellant Michael Axisa u tikkonferma d-decizzjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tal-20 ta’ Awissu 2003 fl-ismijiet **“Michael Axisa ghan-nom ta’ Lay Lay Co. Ltd. kontra l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”.**

Rat il-verbal datat 17 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Marzu 2004, fejn il-Qorti semghet lid-difensuri jittrattaw il-kaz. Il-Qorti ordnat li tigi nserita kopja tas-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell, fil-process. Dr. Claire Stafrace obbligat ruhha li b’nota tesebixxi kopja tal-stop notice. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-appellati datata 25 ta’ Mejju 2004, a fol. 16, li permezz taghha esebit kopja tal-*“stop and enforcement notice”*.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Apell dwar l-Ippjanar minn fol. 18 sa fol. 19.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi fid-29 ta’ Ottubru 1998 inhareg kontra l-appellanti Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq ghaliex gie allegat li l-istess

appellanti kellu zvilupp li kiser l-kontroll ta’ l-ippjanar konsistenti f’garages mibnija mhux skond il-pjanta approvata fil-permess Numru PB2124/87/880/84 datata 4 ta’ Mejju 1987 u allura gie ordnat sabiex iregga lura kull haga li ma saritx skond il-pjanti approvati indikati fl-istess permess.

Illi sar appell li gie michud mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar peress li dwar l-istess zvilupp saret applikazzjoni sanatorja u ghalhekk abbazi ta’ l-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356** l-istess appell kellu jigi michud.

Illi minn din id-decizjoni sar appell mill-istess appellanti lill din il-Qorti fejn qed jinghad li d-decizjoni ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar (iktar il-quddiem imsejjah il-Bord) dwar l-applikazzjoni sanatorja kienet zbaljata *stante* li l-istess Bord ma hax inkonsiderazzjoni li kien hemm permess validu fuq l-istess sit. It-tieni lamentela li l-kwistjoni li kellha tigi trattata mhux dik jekk l-applikant kellhux permess jew le izda jekk l-izvilupp huwa skond il-pjanti sottomessi.

Illi in verita’ dan ma huwa xejn hlief appell dwar fatt u allura ma’ jikkwalifikax bhala appell li jista’ jsir abbazi tad-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356,** u hawn il-Qorti tirreferi ghall-diversi sentenzi minnha moghtija fuq dan il-punt fosthom **“George Mifsud vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 17 ta’ Frar 2003) fejn inghad illi:-

*“Il-Qorti qieghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti, f’appelli bhal dawn cjoe’ taht l-***Att Numru I tal-1992*** konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m’ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista’ u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta’ ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi relevanti jew anke’ li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrelevanti, ma jikkostitwixxux punt ta’ dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta’*

*appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindikabbli minn dina l-Qorti f'appelli bhal dawn".*

Illi dan kollu gie riaffermat fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Emmanuel Saliba vs Kummissjoni ghall Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li:-

*"Illi abbazi tal-premess, jidher li s-sitwazzjoni hija ben definita, u din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li ovvjament hija nnfisha tosserva l-istess, ghaliex l-awtorita' taghha hija hekk limitata bil-ligi, ligi specjali li fiha nfisha hija cara u li tillimita b'mod mill-aktar tassattiv il-gurisdizzjoni taghha bhala Qorti tal-Appell fuq punt ta' dritt; dan ma jfissirx li l-persuna aggravata b'decizjoni tal-Bord ma ghandhiex rimedji ohra li tista' anke' ssegwi wkoll quddiem il-Qrati ordinarji, u anke' Qrati ta' kompetenza kostituzjonali, pero' certament li mhux fl-ambitu ta' appell minn decizjoni tal-Bord ta' Appell lil din il-Qorti taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Att I tal-1992,** dment li tali appell ma jaqax kif hemm indikat b'mod mill-iktar skjet u definit".*

Illi fis-sentenza **"Michael Gatt vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. (JSP) – 19 ta' Novembru 2001) inghad illi:-

*"Din id-disposizzjoni tal-Ligi giet interpretata minn din il-Qorti f'hafna okkazzjonijiet ricentement. Din il-Qorti tista' tirrevedi u tissindika biss dawk id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan ifisser li l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu semplicement aspetti teknici. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi fid-decizjoni appellata tal-Bord".*

Illi fil-kaz odjern ma' hemm l-ebda punt ta' dritt involut fl-aggravju ta' l-appellanti, u wkoll jista' jinghad li apparti dak

premess l-istess appell huwa insostenibbli *stante* li ma sarx abbazi ta' dak permess mill-ligi skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi jinghad ukoll li s-sentenza ta' l-istess Bord hija legalment korretta peress li la darba kien hemm applikazzjoni sanatorja, li l-istess Bord ikkonsidra bhala tali, kif jidher anke' mill-appell li qed jigi deciz illum wara r-rikors ta' l-appell Numru 20/2003 quddiem din il-Qorti, l-istess Bord kellu jichad l-appell abbazi ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (11) tal-Kap 356** li jipprovdi li:-

*"Jekk qabel ma jsir l-appell matul il-mori ta' l-appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita' applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija intiza sabiex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hekk ghamel fl-istess sentenza. Dwar l-aggravji jinghad ukoll li l-ewwel wiehed huwa verament ilment dwar id-decizjoni li rrifjutat l-applikazzjoni sanatorja, li in verita' huwa bla ebda bazi ghall-iskop ta' dan l-appell, u in verita' jifforma l-aggravju principali fl-appell dwar l-istess r-rifjut tal-applikazzjoni sanatorja, deciza wkoll llum wara r-rikors ta' l-appell numru 20/2003 fl-istess ismijiet premessi, li wkoll ikkonferma r-rifjut ta' l-istess applikazzjoni u allura d-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fuq l-istess; dwar l-ahhar aggravju dan jikkonferma li l-izvilupp imsemmi ma kienx konformi mal-premess citat, tant li l-appellant stess ghamel applikazzjoni sanatorja, u ghalhekk ma' hemm l-ebda dubju li d-decizjoni tal-Bord ghandha u qed tigi kkonfermata.

Illi ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet indikati fir-risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 19

ta’ Novembru 2003, **tichad l-appell tas-socjeta’ appellanti fir-rikors taghha datat 3 ta’ Settembru 2003** *stante* li l-istess appell mhux permissibbli abbazi ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk l-istess appell huwa null u infondat legalment u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Awissu 2003 fl-ismijiet **“Michael Axisa ghan-nom ta’ Lay Lay Co. vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** indikata f’dawn l-atti processwali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------